**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TNEJN** **10 TA' LULJU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-kunsilliera, s-Sur Kyle Mifsud, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Celeiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **2.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 2.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **2.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 2.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ewwel seduta. |
| | | |
| ***2.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 2.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima tat merħba għall-ewwel seduta.<br>• Hi fakkret lill-Kunsilliera li nhar is-Sibt 13 ta' Lulju ser ikun hemm quddiesa ta' ringrazzjament u awguri għall-għaxar leġislatura u wara jkun hemm riċeviment żgħir. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Qalet lill-Kunsilliera biex ma jċemplux huma dirett lill-kuntratturi jew dipartimenti, imma li kulħadd għandu jgħaddu l-ilmenti lill-Kunsill u jkun il-Kunsill li jagħmel ir-rapport. |
| | | |
| ***2.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 2.4.1 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat tkellem ma' persuna li tieħu ħsieb tagħmel attivitajiet soċjali/sportivi fl-apert.<br>Qed jaħseb biex jorganizza l-ewwel attivita li hi Coasteering - mixja lejn il-bassasa u wara jkun hemm minn jista jgħum. Din l-ewwel attivita ser issir f'Awwissu. Il-ħlas tal-attivita hu ta' 5E.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 2.4.2 | | Il-Kunsillier Jeremy Coleiro qal:<br>Triq Xandru d'Amato hemm bżonn li ssir bankina temporanja sakemm isir ix-xogħol fit-triq minħabba persuna b'diżabilita. Kien hemm qbil li s-Sindku tkellem lill-Kuntrattur biex jgħaġġel fuq xogħlu, speċjalment f'dik l-akwata. |
| | | |
| 2.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• hemm bżonn li jsir parkeġġ ta' mutur fi Triq Santa Klementina.<br>• Fuq inizjattiva tal-Kunsillier Daniel Muscat intalbu aktar bins fi Vjal il-Blue Grotto.<br>• Biex issir yellow bay fi Triq Ta' Ciantar quddiem bokka garaxxijiet.<br>• Triq id-Dejqa ġie ssuġġeriet biex issir *one way*. Għandu l-firem tar-residenti kollha.<br>• Navżaw lill-Cleansing Department għat-tindif ta' culverts għall-aħħar ta' Awwissu<br>• Bieba ma tingħalaqx fi Ġnien Mario Farrugia<br>• Biex jiġi miżbur il-hedge tal-ġnien tal-iskola<br>• Bżonn ta' U bar fi Triq il-Karmnu – ser jinġieb l-indirizz eżatt.<br>• Irid li jkollu statistika tal-infieq li l-Kunsill kien jagħmel bil-kuntratt taz-zamma tal-ġonna u soft areas |
| | | |
| 2.4.4 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut:<br>• Tablet biex isir refresh ta' marki tat-triq fi Vjal ix-Xarolla.<br>• Qed jitolbu li Triq Saverio Laferla hemm bżonn li ssir kollha one way. Ma kienx hemm qbil.<br>• Sqaq Sant Antnin mhux imur kennies<br>• Triq Bubaqra l-Kennies mhux jagħmilha kollha.<br>• Hemm bżonn li issir mera fi Triq Leli Camilleri peress li hi blind corner. Ser tingħata aktar informazzjoni. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Staqsiet jekk it-trinka tan-*new water* fi Triq Hal Far hux ser issir issa li qed isir xogħol ieħor fiha. Is-Segretarju Ezekuttiv ser tikteb lill-entita kkonċernata.<br>• Mera fejn il-kamra tan-Nar ta' Santa katarina VM tinsab imkissra. Ser tiġi ordnata. |
| | | |
| 2.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici:<br>• staqsa fuq ilma ħiereġ fi Triq l-Imqabba. Is-Sindku qalet li dan il-każ ilu u anke sar ilment lis-Sanita u lis-supretendent tal-Pulizija imma ma sar xejn.<br>• Triq Marjanu Gerada hemm bżonn li issir one way. Biex triq issir *One way* hemm bżonn li jkun hemm il-firem tar-residenti kollha tat-triq.<br>• Ħal Millieri tkissru xi dwal b'vandaliżmu. Is-Sindku qalet li x-xogħol ordnat.<br>• Biex issir gate ta' għalqa f'Ħal Millieri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik ma kienetx saret għax is-sid ma kienx qabel li issir bil-fondi li kien applika għalihom il-Kunsill. Issa l-Kunsill ma jistax jagħmilha mill-fondi tal-Kunsill. |
| | | |
| 2.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Ippropona li jagħmel attivita fit-18 ta' Settembru – ta' *water games* fil-Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-kumitat tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV qed jitolbu li l-Kunsill jixtri d-disinji tal-Milied għal Misraħ Repubblika. Ma kienx hemm qbil għax jinħoloq preċedent.<br>• Fejn is-salib fi Triq il-Kbira l-kuntrattur ħalla mandra ta' trabijiet u kellu jnaddaf hu stess bl-ilma, meta l-Għaqda stess infurmat biex il-Kunsill ma jużax ilma meta jkun hemm l-armar. Imma ftit wara fl-istess triq sar foam party.<br>• Fi Sqaq il-fjuri resident kellhu ħsarat fl-ilma u l-kuntrattur ħalla ħsara fl-isqaq. Sar rapport.<br>• Fi Triq Gervase Matthew il-ħaddiema tal-PW kissru parti minn ħajt.<br>• Nerġgħu nibgħatu reminder lill-Perit William Lewis fuq culvert fi Triq it-Tjieba.<br>• Iħoss li kull meta ssir attivita mill-Għaqdiet taż-Żurrieq ma jibqgħux iħallsu tal-kirja tal-ġnien. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 2.4.7 | | Il-Kunsillier Marisa D'amato talbet li barra d-dekasteru tal-Kultura, jkollha l-Orkestra u attivitajiet kulturali. Fir-rigward tad-dekasteru tal-Annimali qalet li ma tixtieqx terġa tieħdu hi minħabba li proġetti jista jagħmilhom l-Gvern stess. Meta l-Kunsill jipproponi proġett fuq l-annimali jista jgħaddieh lill-Gvern biex jagħmlu. Madanakollu wara diskussjoni hi aċċettat tali dekasteru biex tkun ta' għajnuna. |

Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hemm bżonn li l-Orkestra Żurrieq tkun parteċipi aktar matul is-sena u deċiżjonijiet fuq attivitajiet tal-Orkestra Żurrieq għandu joħodhom il-Kunsill kollu u mhux persuna waħda.

2.4.7 Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:

- Semmiet is-sewqan aċċessiv fil-Vjali taż-Żurrieq. Jeħtieġ li jsiru tabelli tal-ispeed limit fit-toroq. Wara l-Kunsill jinforma lill-Pulizija u Uffiċċjali tal-Komunita biex jiġu infurzati.
- Qalet li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu ħsieb il-katakombi ta' fejn il-Mitħna.
- Biex isir culvert fi Vjal il-Blue Grotto biex l-ilma li joħroġ minn Triq l-Imqabba.

***2.5 Ħruġ ta' tenders : Cleaning and Attendance of Public Convenience Collection of Bulky refuse***

2.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'Novembru jagħlqu l-kuntratti tal-Letrini u tal-Bulky Refuse.
Kien hemm qbil li tibda taħdem fuq it-tenders biex joħorġu għall-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li persuna minn dawk li jevalwa t-tenders tkun Dr Tiffany Ann Farrugia, minħabba li hi ex kunsilliera u dejjem tat sehem tajjeb ħafna fit-tenders preċedenti. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Daniel Muscat jkun it-tieni evalwatur flimien ma' Kunsillier Kyle Mifsud. Kien hemm qbil fuq dan.

***2.6 Tqassim ta' dekasteri lill-kunsilliera***

2.6.1 Is-Sindku qassmet id-dekasteri lill-Kunsilliera u wara diskussjoni u fuq qbil minn kulħadd dawn huma dawk imqassma:

| ***ISEM KUNSILLIER*** | ***DEKASTERU*** |
| --- | --- |
| RITA GRIMA | FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, L-ANZJANI, PERSUNI B'DIŻABILITA' U L -QASAM SOĊJALI |
| RITA GRIMA | L-INFRASTRUTTURA-BANKINI, PATCHING, MARKI U SINJALI TAT-TRAFFIKU |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | IGNATIUS FARRUGIA | L-INNOVAZZJONI U ĠEMELAĠĠI |
| | | KYLE MIFSUD | ATTIVITAJIET U TFAL |
| | | MARISA D'AMATO | IL-KULTURA U ATTIVITAJIET KULTURALI.<br>ORKESTRA ŻURRIEQ<br>ĦARSIEN TAL-ANNIMALI |
| | | KENNETH FARRUĠIA | L-AMBJENT, INDAFA U L-ĠONNA PUBBLIĊI |
| | | | |
| | | DINO BONNIĊI | PLANNING AUTHORITY MEDIA, EU FUNDING |
| | | | |
| | | MARYLYN SAMMUT | KOMUNITAJIET (BUBAQRA) |
| | | JEREMY COLEIRO | L-EDUKAZZJONI, GAL XLOKK.<br>ATTIVITAJIET KULTURALI |
| | | DANIEL MUSCAT | SPORTS U ŻGHAZAGH |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***2.7*** | | ***Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena*** |
| | | |
| 2.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport tat-tieni kwart tas-sena, li ħejjietu l-accountant tal-Kunsill.<br>Dan ġie approvat biex jitressaq.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa biex l-accountant tati stima tal-propjeta li għandu l-Kunsill. |
| | | |
| ***2.8*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***2.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 2.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Zurrieq FC Youth Nursery talbu l-għajnuna tal-Kunsill f'xiri ta' t-shirts biex isiefru f'Nikolosi fi Sqallija. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għat-t shirts.<br>• Persuna li ser tagħmel attivita fi Triq il-Barrieri fi propjeta privata, tixtieq permess biex isiru gabbani tal-festa. Din l-attivita ser issir bejn l-10 u 12 ta' Awwissu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni. Jekk hux |

| | | |
|---|---|---|
| | | ser jagħlaq l-aċċess għal bdiewa. Jekk hemmx xi tieġ f'dawk il-ġranet, jekk hux ser jiġu żarmati matul il-ġurnata.<br>• L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed tissuġġerixxi lill-Kunsilli biex jixgħelu binja blu fl-okkażjoni tal-Blue heart Campaign – għall-Jum Dinji kontra t-traffikar ta' bniedem. Dan irid isir fil-ġimgħa bejn it- 22 u 30 ta' Lulju. Kien hemm qbil li d-dawl jinxtgħel mit-Tlieta 23 ta' Lulju u jsir avvi fuq fb page.<br>• Talba ta' sleeping policeman fi Triq Napuljun fejn hemm ġnien żgħir. Ma kienx hemm qbil.<br>• Talba ta' sleeping policeman oħra, fis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto. Din ġiet approvata li ssir mir-residenti tal-akwata. Ma kienx hemm qbil.<br>• Resident issuġġerixxa traffic management biex Vjal l-Indipendenza k/m Triq G M Callus ma jkunx hemm iżjed inċidenti. Kien hemm qbil li minflok tali traffic management isir sleeping policeman, hekk kif minn Triq G M Callus toħroġ għal Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ġie ssuġġeriet biex il-Kunsill jikkunsidra li jonora lis-Sur Carmelo Callus li rebaħ il-quiz Moħħok hemm. Kien hemm qbil fuq dan u r-rikonoxximent jingħata f'seduta oħra.<br>• Biex isir traffic management fi Triq Manuel Bugeja, Triq tal-Ġonna u service road ta' Vjal il-Blue Grotto. Qed tintalab biex l-akwata issir ring road. Ma kienx hemm qbil.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia. (19:35) |
| | | |
| 2.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' toroq minn fejn jgħaddi l-ġbir tal-iskart biex tkun approvata mill-Kunsill. Din kienet approvata mill-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li d-dgeddis xorta baqa jsir. |
| | | |
| 2.9.3 | | Il-Kunsill Lokali irċieva PQ 20653 li għamlet l-Onor Bernice Bonello, fuq il-proġett ta' Misraħ Repubblika. Meta s-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-perit biex jimla l-parti tal-PQ li involut fiha hu, ġie ssuġġeriet li tali proġett jerġa jitla seduta ħalli jerġa jiġi approvat mill-Kunsill il-ġdid u wara tiġi mwieġba l-PQ.<br>Kien hemm qbil fuq dan li ġej:<br>• Jista l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Pjazza taż-Zurrieq? Jista jgħid jekk ir-residenti kollha taż-Zurrieq u l-komunita' kummerċjali ġewx ikkonsultati f'xi mument qabel il-proġett? Jinsab fi stat ghal approvazzjoni minn PA. Ġew ikkonsultati s-Soċjetajiet taż-Zurrieq, il-ħwienet u r-residenti tal-Misraħ u it-toroq tal-madwar.<br>• Jekk iva, meta u kif ġew ikkonsultati? Il-Kunsill ippropona li issir laqgħa oħra ta' konsultazzjoni mar-residenti kollha taż-żurrieq. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Jekk le, se jiġu kkonsultati? Meta u kif? Jiġu mistiedna permess ta' avviż fuq fb u tintbgħat notifika f'kull residenza.<br>• Bil-pjan tal-pjazza kif inhu, jista' jgħid x'miżuri se jittieħdu f'każ ta' emerġenza? F'każ ta' emerġenza kullħadd jista jgħaddi.<br>• Skont il-pjanta ppreżentata mal-PA jista' jgħid jekk hux se twassal li Triq il-Karmnu, tkun waħda miż-żewġ entraturi għall-pjazza, peress li din it-triq ma tiflaħx għat-traffiku li se jiġi ġġenerat? Triq il-Karmnu ser tkun waħda mill-entraturi għall-pjazza.<br>• Bl-għeluq tal-aċċess minn Triq Bronja għall-pjazza, jista' jgħid hux se jiżdied it-tniġġis mad-dawra tar-raħal? L-istess ammont ta' tniġġis ser ikun hemm u fil-Misraħ ser jonqos.<br>• Ġew ikkunsidrati traffic managements alternattivi? Kien hemm diversi pjanti u l-qbil fil-Kunsill kien li tiġi approvata l-pjanta li tressqet lill-PA. |
| | | |
| ***2.9*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 2.9.1 | | Il-minuti tar-Reġjun Punent u Gal xlokk jintbagħatu dejjem b'email. |
| | | |
| ***2.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 2.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' €190,595.25.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Daniel Muscat u Jeremy Coleiro. |
| | | |
| ***2.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 2.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Awwissu, 2024, fis-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' AWWISSU, 2024.

| | |
|---|---|
| Rita Grima<br>**Sindku** | Josianne Cilia Mumford<br>**Segretarju Eżekuttiv** |